MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 721/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Clifford Attard**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clifford Attard ta' 26 sena, bin Maurice u Emanuela nee' Caruana, mwieled fil-31 ta' Lulju 1982, Pieta', residenti f' no 5, Triq Antonion Mizzi, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 424982(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-gzejjer, fil-25 ta' Gunju 2009 f' dawn il-Gzejjer f' xi hin bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofs in-nhar b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti

ikkaguna offiza gravi liema offiza tal-gisem iggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem lill-Clint Farrugia.

Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b’velocita ta’ izjed minn ghaxar mili nawtici f’xi post ‘l gewwa minn 200 metru ‘l boghod minn xi parti ohra tax-xtajta.

Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-27 ta’ April 2012 (inserita a fol. 207 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(1) fl-artikolu 226(1)(b) b’riferenza ghall-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(2) Fir-regolament 25 tal-avviz legali 183 tal-2008 mahrug taht il-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(3) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta’ Gunju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi nhar il-25 ta' Lulju 2009[1], il-Pulizija tal-Qawra rcevew telefonata mill-Control Room tal-Pulizija li diver li kien qieghed jghum fl-Ahrax tal-Mellieha kien inlaqat minn dghajsa u wegga. Irrizulta li din il-persuna kienet Clint Farrugia li waqt li kien qieghed jghum intlaqat minn dghajsa. Minn dawk l-akwati ghadda dinghy misjuq minn Hubert Borg fejn dan tah l-ewwel ghajnuna u hadu lejn il-bajja tal-Ghadira fejn imbaghad ittiehed minn hemm b'helicopter lejn l-isptar. Clint Farrugia gie certifikat li kellu ferita gravi f'siequ l-leminija pero' ma kienx fil-periklu tal-mewt. Meta dahal l-isptar kien liebes camouflage diving suit kif ukoll deep water fins li jintuzaw ghad-diving fil-fond. Clint Farrugia gie operat minhabba l-ferita li sofra u wara l-operazzjoni gie mitkellem fil-prezenza tas-surgent PS 419. Huwa qal li hu flimkien mal-gharusa tieghu kienu marru fil-bajja maghrufa bhala Slaks Bay li tinsab fil-genb tal-bajja tal-Ghadira fejn beda' jghodos f'postijiet differenti taht l-Ahrax tal-Mellieha biex jistad ghall-qarnit bil-harpoon. F'hin minnhom sema' hoss, tela l'fuq u ra dghajsa gejja ghal fuqu. Huwa qal li prova jiskapula din d-dghajsa billi ghodos l'isfel pero' xorta laqtitu f'siequ. Ghalkemm kien qieghed jghodos huwa ma kellux sinjali fil-wicc li jindika li hemm diver f'dawk l-inhawi. Huwa qal lil Pulizija din id-dghajsa kienet safra, bil-kitba fil-genb u zewg muturi outboards u wara li laqtitu kompliet sejra u li ghalkemm prova jigbed l-attenzjoni ta' xi dghajjes ohra ma rrnexxilux u ghalhekk beda' jghum sa taht l-Ahrax tal-Mellieha fejn rawh xi turisti. Farrugia kompla jghid li huwa kien qieghed jghum xi hmistax il-metru l' barra mill-kosta u l-incident sehh bejn l-10.30am u 12.00pm. Waqt l-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija tkellmu mal-kumpanija Yellow Fun Water Sports li tigi operata minn Portomaso u minn hdejn id-Dolmen Hotel gewwa Bugibba u waslu ghall-konkluzjoni li dik il-gurnata kienet qieghda tintuza d-dghajsa registrata bhala Yellow Fun 1 misjuqa minn certu Clifford Attard, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna. Meta gie mitkellem mill-Pulizija l-imputat qal li kien ghabba xi nies ghall-habta tal-10.30am biex imorru lejn Kemmuna. L-imputat innega li huwa ghadda minn fejn kien qieghed jigi indikat lilhu jew li ra lil xi hadd jghum

[1] L-akkuza tghid li l-incident sehh fil-25 ta' Gunju 2009

minn fejn kien ghaddej hu. Huwa qal ukoll li meta jghaddi minn dawk l-akwati huwa dejjem jigbed dritt lejn il-Gzejjer ta’ San Pawl u dakinhar kien qata’ dritt ghal Kemmuna u qatt ma ghadda mal-plajja ta’ hdejn l-Ahrax tal-Mellieha. Huwa ghamel hekk biex jiffranka l-fuel u ghaliex xi passigieri riedu jkunu hemm f’certu hin. Huwa wera li ghandu licenzja biex ikun jista’ jsuq d-dghajjes. Mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija inoltre rrizulta wkoll li fil-post tal-incident hemm diversi blatiet li parti minnhom huma fil-wicc u wiehed irid johrog ferm aktar il’ barra minn hmistax il-metru biex jevita dan il-blat. Mill-provi rrizulta li d-diver kien liebes ilbies skur biex ma tantx jidher minhabba li jkun qieghed jghodos ghall-hut. Il-bahar f’dawk l-akwati huwa skur u huwa difficili biex tara persuna. Rrizulta wkoll li dawk l-akwati m’humiex klassifikati bhala zona tal-ghawm skond ir-Regolamenti (Small Ships Regulations 2001).

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv irrizulta li Clint Farrugia qal lill-Pulizija li d-dghajsa li laqtitu kellha il-kelma YELLOW miktub fuqha u kienet b’zewg muturi outboard u kellha canopy. L-ewwel tfittxija li saret kienet fejn hemm il-Yellow Fun u l-Pulizija raw liema dghajjes hargu dak il-hin tal-incident. Spezzjonijiet fuq dghajjes ohra saru pero’ ma kienx hemm esitu posittiv. In oltre, skont ma qalet l-Ispettur Therese Sciberras (a fol 15) irrizultalha li fil-mument tal-incident id-dghajsa misjuqa mill-imputat ghaddiet minn dawk l-akwati kif ukoll fil-hinijiet msemmija minn Clint Farrugia. Mill-provi rrizulta wkoll li l-Pulizija wrew diversi ritratti lil Farrugia u huwa gharaf id-dghajsa li dakinhar tal-incident kienet misjuqa mill-imputat. Mix-xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras izda rrizulta wkoll li kien hemm diversi dghajjes li kellhom fuqhom il-kliem Yellow Fun miktub fuqhom u dawn kienu jsuquhom diversi nies.

F’dawn il-proceduri xehed Dr. Jonathan Joslin (a fol 24) fejn qal li Clint Farrugia dahal l-Isptar b’ferita fonda fejn kienu qalulu li l-pazjent sofra griehi minhabba skrun ta’ dghajsa pero’ x’tip kienet ma jafx. Il-ferita riskontrata minn dan ix-xhud kienet fis-sieq il-leminija ezatt fil-qiegh u t-ticrita kienet qieghda iddur minn naha wahda ghal naha

ta' gewwa u tigi taht l-gharqub. Wara l-operazzjoni li saritlu u gie ezaminat seta' jigi kkonstatat li ma kienx hemm muskoli maqtugha salv kumplikazzjonijiet li jistghu jinqalghu bhal nervituri maqtughin, infezzjonijiet u affarijiet simili.

Clint Farrugia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru (a fol 29) qal li f'Gunju tas-sena 2009, kien flimkien mat-tfajla tieghu Kathleen Farrugia u nizlu jghumu fil-lokalita' tal-Mellieha fejn huwa maghruf bhala Slacks Bay. Huwa nizel jghum bil-harpoon fejn hemm il-blat u kien kien liebes wetsuit li hija sewda u kellu flippers tal-apnea li huma kbar hafna. Huwa zied jghid li ra diversi dghajjes u ra wkoll din tal-Yellow Fun ghaddejja l'fuq lejn in-naha t'Ghawdex bi speed qawwi u kellha t-turisti fuqha. Meta ra tiela' l'fuq kien hemm certu distanza pero' l-incident inqala' meta din id-ghajsa kienet niezla l-isfel ghaliex ma zammitx id-distanza ta' mitejn metru bhal ma ghamlet meta kienet tiela' l'fuq. Huwa qal li meta kien ghoxrin metru l'barra mill-blata jissielet fil-qiegh ma' qarnita sema' hoss qawwi gej u tela' biex jara minn fejn hu gej. Kif huwa tela' fil-wicc ra din id-dghajsa gejja ghal fuqhu u prova jinzel l-isfel pero laqtitlu siequ l-leminija. Huwa rega' tela' u ghajjat lil tad-dghajsa pero' dan ma semghux u baqa' sejjer. Il-flipper li kien liebes tqacctet u kellu hafna demm. Id-dghajsa li ra kienet safra bl-abjad u wara beda' jghum lejn il-blat sabiex jipprova jitlob l-ghajnuna. Huwa jghid li ra diversi dghajjes pero' dawn kienu l' boghod minn fejn kien qieghed ghaliex mhux soltu jghaddu dghajjes minn hemm. Fil-fatt kienu xi turisti li lemhuh u cemplu ghall-assistenza. Farrugia jghid li ghadda dinghy minn hdejh u gabruh u tellawh fuq id-dghajsa. Huwa kompla jghid li din id-dghajsa li laqtitu kienet safra u bajda bil-kliem YELLOW FUN fuqha u kellha zewg muturi. Id-dinghy hadu lejn il-moll fil-Mellieha fejn kien hemm helicopter jistennih u mbaghad haduh Mater Dei. Huwa gie operat u dam sebat' ijiem gewwa l-isptar fejn kompla ghaddej bil-kura. Huwa qal li wara l-incident baqa' jsofri ugiegh f'siequ u anki ghandu xi movimenti limitati, Clint Farrugia zied jghid in kontro-ezami li ghalkemm ghaddew diversi dghajjes ohra minn hemm hu gharaf u ftakar li din id-dghajsa safra bil-kliem

fuqha YELLOW FUN. Huwa qal li kien nizel dawk in-nahat tal-bajja ghal-habta tad-disa' ta' fil-ghodu pero' l-incident kien sehh ghal habta ta' nofs inhar.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Mr. Frederick Zammit Maempel (a fol 63) fejn qal li Clint Farrugia iddahhal l-Isptar minhabba ferita f'siequ l-leminija kagunata minhabba skrun ta' dghajsa li laqtitu waqt li kien qieghed jghum. Huwa gie operat u hareg mill-isptar fl-1 ta' Lulju 2009. Wara ghaxart ijiem rega' gie l-isptar biex jaraw il-ferita kif qieghda tfieq. Wara tlett gimghat tal-incident tnehhew l-ahhar punti u l-ferita kienet fieqet. L-unika haga li kien hemm kienet li ma kienx hemm sensazzjoni mill-qiegh ta' siequ. Xi swaba minn din is-sieq ma kienx icaqlaqhom. Meta mistoqsi rigward il-ferita, ix-xhud qal li kienet kompatibbli ma' ferita kagunata minn skrun. Huwa kompla li jekk ma jibqax iharrek is-swaba Farrugia ma jigix mija fil-mija tajjeb u jibqa' jbati l-konsegwenzi ta' dan l-incident. L-istess xhud xehed it-tieni darba fuq il-kaz (a fol 80) fejn irrileva li Clint Farrugia kellu appuntament iehor fil-15 t'Awwissu 2009 pero' mir-records jidher li dan ma attendiex ghall-appuntament. Dwar il-griehi sofferti minn Farrugia xehed Dr. Imrich Molnar (a fol 141) fejn spjega li huwa kien qieghed jara lil Clint Farrugia wara l-incident gewwa l-Orthopeadic Outpatients fejn wara li saritlu l-operazzjoni ezaminah gewwa l-Outpatients fejn kellu diversi appuntamenti fejn l-ahhar wiehed kien fil-11 t'Awwissu 2009. Il-ferita tieghu giet meqjusa bhala gravi per durata.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Hubert Borg (a fol 148) fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien ma' klijent tieghu minhabba li huwa ghandu diving school. Meta kienu dehlin lura mill-ponta tal-Ahrax tal-Mellieha biex jidhlu lejn l-Ghadira ra lil Clint Farrugia fejn hemm blata bis-salib sewwasew taht il-Kappella tal-Madonna. Meta resaq lejh rah bid-demm ma siequ u dan talab ghall-ghajnuna u f'mument minnhom ra helicopter li beda' jaghmel xi sinjali halli jidhol lejn il-moll tal-Mellieha sabiex jtella' lil persuna mwegga'. Huwa zied li Clint Farrugia meta tellghu fuq id-dghajsa kien liebes wetsuit sewda u qallu li ma kellux ballun dak il-hin. Huwa zied li Clint

Farrugia kien qallu li ntlaqat minn dghajsa pero' ma kienx indika x'tip ta' dghajsa kienet u ma tahx deskrizzjoni taghha.

Mario Bugeja li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2012 (a fol 182) qal li huwa ghandu kumpanija ta' negozju ta' water sports u trasport tal-passiggieri li jisimha Yellow Fun Limited. Huwa qal li hija xi haga ta' kuljum li l-kumpanija tieghu taghmel vjaggi lejn Kemmuna. Bhala hinijiet dawn ivarjaw skond minn fejn jitilqu fejn minn Portomaso Marina jitilqu fl-10.00am u ohrajn fl-10.30am u dawn jmorru lejn Kemmuna gewwa l-Blue Lagoon. Huwa qal li Clifford Attard huwa wiehed mill-impjegati tieghu u fl-2009 kien jahdem mieghu. Huwa zied li ghandu diversi speedboats li huma sofor u anki bojod li huma meqjusa b
bhala open boats. Fil-fatt ghandu seba' b'kollox li erba' huma sofor u tlieta huma bojod u dawn huma ta' daqs differenti minn xulxin, bis-seats u railings u hemm minnhom li ghandhom inboard engines u ohrajn bl-outboard engines. Huwa zied jghid li bicciet minn dawn id-dghajjes ghandhom xi kliem miktub fuqhom bhal Yellow Fun u ohrajn ghandhom kliem bhal Series Fun. Huwa zied jghid li Clifford Attard isuq wiehed minn dawn id-dghajjes. Mario Bugeja qal li dakinhar tal-incident Clifford Attard kien xoghol pero' dettalji ohra ma kellhux minhabba li huwa dahal fix-xena ta' din il-kumpanija fl-2011. Huwa qal li ma jzommux rosters u kull ma kien jinzamm huma l-bookings u mhux min kien hadem dik il-gurnata. Huwa qal li trips minn Kemmuna huma ta' kuljum pero' qabel it-3.30pm ta' wara nofsinhar ma jinzlux lura minn hemm. Huma joperaw kemm minn Bugibba kif ukoll minn naha ta' Portomaso. Il-vjagg jibda' generalment minn Portomaso u wara jmur Bugibba fejn jigbor in-nies minn hemm fejn ikunu erba' dghajjes li jaghmlu dan il-vjagg u kull wahda minnhom ghandha registration number ghaliha u cioe Yellow Fun, Yellow Fun 1, Yellow Fun 2 u Yellow Fun 4. Id-dghajjes jintgharfu minn xulxin hlief ghal xi tnejn li huma l-istess tip. Bugeja spjega li kull dghajsa tigi assenjata ma' persuna partikolari biss u huwa assenja lil Clifford Attard id-dghajsa b'Valletta registration Yellow Fun 1 li hija tat-tip Coronet. Id-dghajsa hija safra fejn hemm ix-shipside u l-

bicca t'isfel u abjad kif ukoll ghandha r-railings. Xehed ukoll Raymond Pace (a fol 198) li kien jaghmel parti mill-kumpanija Yellow Fun u qal li fl-2009 kien fl-amministrazzjoni. Huwa qal li fil-25 ta' Gunju 2009 kienu joperaw kuljum sitt dghajjes u l-kumpanija Yellow Fun ghadha topera sa' llum minn Portomaso kif ukoll minn Bugibba mid-Dolmen. Il-vjaggi jitilqu mill-10.00am, fil-11.00am u f'nofsinhar u fis-siegha ta' wara nofsinhar. Huwa zied jghid li ma jistax igib l-informazzjoni minn kienu x-xufiera tad-dghajjes ghax barra dawk li kienu jkunu bid-dghajjes irid ikollu erba' zejda ghal li jista' jinqala'. Illi ghalkemm rega' tela jixhed (a fol 203) biex igib l-informazzjoni dwar min seta' kien xoghol dik il-gurnata tal-incident huwa qal li ma setghax jipprovdi tali nformazzjoni ghaliex fl-ewwel lok m'ghadhux maghhom u l-lista li ghamel saret mill-memorja. Li zied huwa li dawn id-dghajjes kienu joperaw minn Portomaso u Bugibba u jibdew mill-10 ta' fil-ghodu u jigu lura bejn 3.30 ta' wara nofsinhar u l-4.00 ta' wara nofsinhar. Huwa zied li ma jiftakarx min kien b'liema dghajsa dik il-gurnata. Huwa jiftakar li l-pulizija kienu cemplulu biex jghid liema dghajjes kienu u min kienu x-xufiera taghhom u kien ghadda kollox lil Pulizija u cioe' lill-Ispettur Sciberras. Huwa prezenta lista ta' xufiera li kienu jahdmu mal-kumpanija dik il-gurnata. Raymond Pace ikkonferma li kellu dghajjes li kienu sofor u ohrajn bojod u fil-genb minnhom kellhom miktub SERIES FUN u ohrajn YELLOW FUN. Bhala muturi kien hemm dghajjes li kellhom inboard u ohrajn outboard engines. Dawk li kienu tal-Yellow Fun kellhom inboard engine waqt li t-tnejn l-ohra li kienu Series Fun kellhom magna outboard.

L-imputat Clifford Attard ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[2] fejn huwa qal li huwa jahdem bhala skipper mal-kumpanija Yellow Fun u xogholu huwa li jsuq dghajjes bit-turisti. Dik il-gurnata tal-incident jigifieri fil-25 ta' Gunju 2009 kien xoghol minn Portomaso fejn jitlaq mill-10.00 ta' fil-ghodu u jghabbi n-nies ukoll min-naha tad-Dolmen Bugibba. Minn hemm jibqa' tiela dritt lejn Kemuna gewwa Blue Lagoon. Huwa qal li jghaddi barra mill-

---

[2] Fl-atti processwali m'hemmx imnizzel il-fol number

Gzejjer u jaqta' linja dritta. Huwa zied li ma jghaddux minn bejn il-Gzejjer. Meta gie muri r-rapport tal-Perit Richard Aquilina li jinsab a fol 88 tal-process, qal li fejn indika Clint Farrugia li gara l-incident li huwa ma jghaddhiex minn hemm ghax jigbed aktar 'l barra mill-post indikat. Huwa zied jghid li jigbed aktar minn tlett mitt metru 'l barra minn hemm. Huwa kompla biex qal li biex tghaddi minn fejn indika Farrugia lil Perit Aquilina trid tmur il-Mellieha u ghalihom dik m'hijiex ir-rotta taghhom stante li jkun hemm hela ta' fuel u vjagg ghal xejn. Huwa qal li l-hinijiet li semma Clint Farrugia dwar meta ra d-dghajsa tieghu ma kienux minnhom ghaliex huwa ma rritornax minn Kemuna qabel it-3.30pm jew l-4.00pm. L-imputat cahad li huwa qatt kien hemm f'dawk il-hinijiet li Clint Farrugia indika ghax dejjem idum sal-4.00pm meta jkunu gewwa Kemmuna minhabba x-xoghol li jkun hemm. L-imputat qal ukoll li fuq id-dghajsa tieghu kellu miktub Series Fun u mhux Yellow Fun ghalkemm id-dghajsa hija tal-kumpanija Yellow Fun. L-imputat esebixxa diversi ritratti tad-dghajjes tal-kumpanija Yellow Fun li huwa qal li ttiehdu dak iz-zmien tal-incident. Fost dawn ir-ritratti li gew esebiti huwa ndika r-ritratt immarkat bhala Dok CA1 bhala d-dghajsa li kien biha dakinhar tal-incident. Huwa spjega wkoll li f'dawk iz-zmienijiet kien hemm diversi dghajjes jahdmu tal-istess kumpanija f'dawk ir-rotot li huma jghaddu ghal Kemmuna. Huwa kompla jghid li dakinhar tal-incident hadd ma baghat ghalih hlief li kellmu l-imghallem tieghu fejn qallu li riedet tkellmu l-Ispettur tal-Qawra. Huwa zied li hadd minn shabu ma gie mitkellem mill-Pulizija ghalkemm dawn kienu xoghol bid-dghajjes. Huwa stqarr li f'dawk il-hinijiet fejn qal li sar l-incident ma kienx niezel minn hemm u zied li meta kelmuh il-Pulizija hadd ma nizel fuq il-post biex jindikalhom liema dghajsa kien qieghed juza.

Ikkunsidrat

Illi f'dawn il-proceduri l-Qorti tinsab rinfaccata b'zewg verzjonijiet tal-fatti konfliggenti fejn min-naha l-wahda l-allegat vittma jindika li gie milqut mid-dghajsa misjuqa mil-imputat filwaqt li l-istess imputat jichad kategorikament li laqat lil Clint Farrugia jew li fil-hin indikat mil-istess Farrugia huwa kien ghaddej mill-lok indikat minnu. Mix-

xhieda moghtija mill-Ispettur Therese Sciberras rrizulta li a tempo vergine Clint Farrugia kien indika li d-dghajsa li laqtitu kienet ta’ lewn isfar u kellha zewgt outboard engines u wara gie kjarifikat li kien hemm il-kliem Yellow fuqha. Illi skond id-deskrizzjoni li hadet minghand il-vittma hija kkonkludiet li din id-dghajsa kienet tal-kumpanija Yellow Fun u gie arrestat Clifford Attard ghaliex hija konkludiet li kien hu li qieghed isuq id-dghajsa mertu tal-incident. Jirrizulta wkoll li d-dghajsa giet indikata lilha minn Clint Farrugia minn xi ritratti li wrietu u li hi fil-fatt ma marritx fuq il-post u ma ratx id-dghajsa in dizamina. Illi mill-verzjoni mghotija minn Clint Farrugia rrizulta li waqt li kien qieghed joghdos bin-nifs fl-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha huwa ma uza ebda sinjal fil-wicc biex jindika li hemm xi ghawwiem fil-vicinanzi u biex inaqqas il-periklu ghalih u ghad-dghajjes li jghaddu minn hemm. Huwa sostna wkoll li waqt li kien qieghed jghodos ra dghajsa li kienet kwazi mitejn metru l-barra u dak il-hin ma kienx hemm problemi izda xi hin wara waqt li huwa kien qieghed fil-qiegh sema’ hoss qawwi gej u tela’ biex jara minn fejn gej u kien f’dan il-mument li lemah dghajsa gejja lejh u ghodos ’l isfel fejn xorta wahda intlaqat mill-iskrun tal-mutur f’siequ l-leminija. Huwa sostna li din id-dghajsa kellha miktub fuqha Yellow Fun[3] u skond hu kienet l-istess wahda li kien ra qabel tiela’ lejn Kemuna. Huwa zied li din id-dghajsa kellha zewg muturi qawwijia pero’ ma rax min kien qieghed isuqha. Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li bl-ebda mod ma jista’ jitqies li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li Clint Farrugia gie milqut mid-dghajsa misjuqa mill-imputat. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv bl-ebda mod ma jirrizulta kif hija waslet ghall-konkluzjoni li kienet id-dghajsa tal-imputat li laqtet lil Farrugia u mhux xi dghajsa ohra tal-istess kumpanija izda misjuqa minn haddiehor u b’liema mod ghalhekk hija ghaddiet sabiex turih ir-ritratt tad-dghajsa li jsuq l-imputat sabiex jidentifikaha. Jekk wiehed jara l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jinduna li kien biss fil-mori tal-

[3] Huwa qal a fol 32 li “Id-deskrizzjoni tad-dghajsa hija bajda u safra u bil-kliem YELLOW FUN miktuba fil-genb.

istess proceduri li l-Pulizija pruvat tistabilixxi jekk kienx l-imputat li kien ghaddej mill-lok indikat mill-vittma fil-hin indikat min dan tal-ahhar li fih gie milqut. Irid jigi rilevat li meta xehed f’dawn il-proceduri il-parti civili indika li kien ra d-dghajsa li mbaghad laqtitu xi ftit tal-hin qabel tiela’ lejn Kemmuna u mbaghad raha aktar tard gejja lura u kien f’dan il-hin li gie milqut. Il-Qorti setghet tinnota li huwa naqas milli jindika dan il-fatt meta ta l-verzjoni tal-fatti a tempo vergine lil Pulizija u l-Qorti ghalhekk ghandha d-dubju jekk effettivament huwa ndika id-dghajsa misjuqa mil-imputat ghaliex kien raha qabel u mhux ghaliex seta jaghrafha bhal d-dghajsa li effetivament laqtitu. Mix-xhieda tal-persuni li jiggestixxu l-kumpanija Yellow Fun Limited, Mario Bugeja u Raymond Pace, inoltre irrizulta li fil-gurnata u hin tal-incident kien hemm diversi persuni li kienu qed isuqu l-varji dghajjes tal-kumpanijia u fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kienet id-dghajsa misjuqa mill-imputat li laqtet lil Clint Farrugia. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa ma kienx ghaddej mill-lok tal-incident fil-hin indikat minn Farrugia u li ma kienx huwa li laqat lill-istess Farrugia. Huwa fil-fatt indika li kien ghamel il-vjagg lejn Kemmuna ghall-habta tal-10.30am u li ma kienx ghadda mil-post indikat minn Farrrugia bhala l-lok fejn sehh l-incident u li huwa kien rritorna lura minn Kemmuna ghall-habta tat-3.30pm. L-imputat inoltre ndika li d-dghajsa minnu misjuqa kellha l-kliem ’Series Fun’ miktuba fuqha filwaqt li l-vittma jindika li d-dghajsa li laqtitu kellha l-kliem Yellow Fun u kellha zewg outbord engines. Ir-rapprezentanti tal-kumpanija Yellow Fun Limited min-naha l-ohra indikaw li l-imputat kien isuq id-dghajsa bil-kliem Yellow Fun 1 izda qalu wkoll li d-dghajjes bil-kliem Yellow Fun kellhom inboard engines u kienu d-dghajjes bil-kliem Series Fun li kellhom outboard engines.

Rinfaccjata b’dawn il-kunflitti kollha l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni zgur ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-griehi li kellu Farrugia fil-fatt gew kagunati mill-iskrun tad-dghajsa misjuqa minn Clifford Attard. Dan jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li tindika li fil-

mument tal-incident Clifford Attard kien qieghed fil-post tal-incident u li kien qed isuq id-dghajsa li laqtet lil Farrugia.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------